**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar, 2016**

Talba Numru: 1354/2010JB

Kawza Numru: 6

**Integrated Project Solutions Limited (C41318)**

***vs***

**Pierre (K.I:268668M) u Paula (K.I.: 125469M) konjugi Balzan u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Ottubru 2011 giet kjmata in kawza s-Socjeta "Melita Marine Limited"**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-6 ta' Awissu 2010 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlitt elef mitejn u hamsa u erbghin euro (€3,245) jew somma ohra verjuri rapprezentanti servizzi professjonali rezi relattivament ghall-fond numru 11, Triq il-Telekomunikazzjoni, San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, liema servizzi gew prestati mis-Socjeta Attrici lill-istess Konvenuti fuq inkarigu taghhom. Talbet ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet prezentat nhar it-8 ta' Lulju 2010 u tal-ittra ufficcjali numru 1997/2010. Talbu l-imghaxijiet legali mit-8 ta' Novembru 2009 sad-data tal-hlas effettiv;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010;

Ra r-risposta tal-konvenuti konjugi Balzan prezentata nhar il-15 ta' Frar 2011 (a fol 13) li permezz taghha eccepew li t-talba attrici hija nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet;

Ra ir-rikors tas-Socjeta Attrici prezentat nhar l-10 ta' Ottubru 2011 (a fol 72) fejn intalbet is-sejha fil-kawza tas-socjeta Melita Marine Limited (C24026);

Ra d-digriet tat-12 ta' Ottubru 2011 (a fol 74) fejn intlaqghet it-talba ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta Melita Marine Limited (C24026);

Ra r-risposta tas-Socjeta Konvenuta prezentata nhar l-24 ta' Novembru 2011 (a fol 76) li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Art. 2148(e) tal-Kap. 16;

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2012 (a fol 79) fejn giet ordnata l-inverzjoni tal-provi limitatament ghall-eccezzjonijiet tal-legittimu kuntradittur sollevata mill-konvenuti Konjugi Balzan u tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta;

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2012 (a fol 93) fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-legittimu kuntradittur sollevata mill-konvenuti Konjugi Balzan;

Ra s-sentenza tieghu, diversament presedut, moghtija nhar il-11 ta' Jannar 2013 (a fol 95) fejn it-Tribunal cahad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Konjugi Balzan li mhumiex legittimi kuntradittturi u ordna l-prosegwiment tal-kawza fil-waqt li ordna li l-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali;

Ra r-rikors tal-konvenuti Konjugi Balzan tas-17 ta' Jannar 2013 (a fol 100) fejn talbu l-permess sabiex jigi interpost appell mis-sentenza appena citata;

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2013 (a fol 105) fejn it-Tribunal laqa' t-talba tal-konvenuti Konjugi Balzan;

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2013 (a fol 106) fejn il-kawza giet differita *sine die* stante li gie interpost appell mis-sentenza preliminari;

Ra s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn dik il-Qorti ddisponiet mill-appell interpost mill-konvenuti Konjugi Balzan billi cahditu fil-waqt li kkonfermat is-sentenza apellata u rrinvjat l-atti sabiex il-kawza tigi deciza fil-mertu u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati;

Ra li l-kawza regghet giet appuntata ghas-smiegh quddiem dan it-Tribunal ghas-seduta tal-11 ta' Jannar 2016;

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 (a fol 114) fejn fuq talba tad-difensur tal-Konvenuti, it-Tribunal awtorizza li tigi prezentata risposta ulterjuri;

Ra r-risposta ulterjuri ossia n-nota prezentata nhar l-1 ta' Frar 2016 (a fol 115) fejn il-Konvenuti eccepew ulterjorement li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-Socjeta Attrici naqset mill-obbligi taghha ta' sorveljanza ta' xogholijiet difettuzi maghmula minn terzi fil-fond fejn l-istess Socjeta Attrici kellha l-inkarigu ta' *project management* ghal-liema nuqqasijiet l-Konvenuti baghtew spejjez ta' xoghol rimedjali li ssuperaw is-sorte pretiz fil-kawza odjerna u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez a bazi tal-ekwita a tenur tal-Art. 7 tal-Kap. 380;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu talba sabiex il-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu ghal prestazzjonijiet ta' natura professjonali rezi mis-Socjeta Attrici. Il-Konvenuti qeghdin jilqghu ghal din l-azzjoni billi jghidu li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-Socjeta Attrici naqset mill-obbligi taghha u konsegwentement baghtew spejjez ta' xoghol rimedjali li ssuperaw is-sorte pretiz fil-kawza odjerna u qed jippretendu li din it-talba tigi michuda a bazi tal-principju tal-ekwita. Is-Socjeta Kjamata in kawza qieghdha teccepixxi wkoll il-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2148(e) tal-Kap. 16;

Illi qabel xejn, it-Tribunal sejjer iqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Kjamata in kawza;

Ikkunsidra;

Illi l-preskrizzjoni eccepita hija dik ta' tmintax-il xahar applikabbli ghall-azzjonijiet tas-sensala ghad-dritt tas-senserija;

Illi t-Tribunal qies l-inkartament tal-kawza bl-aktar mod akkurat u b'mod partikolari ghamel ezami approfondit tal-provi u jidher bic-car li l-kawza ma titratta bl-ebda mod kwistjonijiet relatati ma' senseriji. It-Tribunal ma jistax jifhem ghalfejn inghatat din l-eccezzjoni aktar u aktar meta jidher bic-car li din ma nghatatx b'xi zball ghaliex il-preskrizzjoni applikabbli ghall-periti hija dik ta' sentejn skond kif hemm provdut fl-Art. 2149(c). Sinifikattiv li tali artiklu lanqas ma ghandu sub-inciz (e) u ghalhekk wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li hemm xi zball. Fi kwalunkwe kaz hu ben risaput li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha titqanqal b'mod car. Kif gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tat-22 ta' Gunju, 2005 fl-ismijiet "Joseph Gauci *vs* Saviour Farrugia":

> …skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili 'il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata'. Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka *d'ufficio* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi *d'ufficio* tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal mghandux ghazla ghajr li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad madankollu li jrid jinghad li minn ezami tal-process, jidher bic-car mid-dokument a fol 71 li huwa kopja ta' *cheque* mahrug mis-Socjeta Kjamata in kawza lis-Socjeta Attrici u datat 15 ta' Frar 2010. Jidher li bejn id-data meta nhareg dan ic-*cheque* u l-gurnata meta giet notifikata s-Socjeta Kjamata in kawza bl-atti tal-odjerna kawza mghadiex il-perjodu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in dizanima. It-Tribunal ma jistax jifhem ghalfejn tqanqlet din l-eccezzjoni aktar u aktar meta wiehed iqis li d-dispozizzjoni citata mghandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kawza. Kull kumment iehor ikun zejjed u jikkontribwixxi biss ghal aktar hela ta' hin f'kawza li ilha ghaddejja hames snin u nofs. Ghalhekk, it-Tribunal sejjer jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Kjamata in kawza.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jibqa' sabiex tigi deciza l-kawza fil-mertu, fid-dawl tal-eccezzjoni sollevata mil-Konvenuti.

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjoni tirrevolvi madwar prestazzjonijiet professjonali moghtija mis-Socjeta Attrici dwar binja f'San Pawl tat-Targa. Meta xehed il-Perit Chris Falzon huwa pprezenta fattura ghall-ammont tal-kawza li tinsab a fol 21. Huwa pprezenta wkoll ghadd ta' skambji li kien hemm bejn il-kontendenti. Jidher li wara li nharget din il-

fattura kienet thallset fattura precedenti (kif jirrizulta mill-*email* a fol 24). Jidher ukoll li f'xi zmien il-Konvenut kien indikat li kien se jhallas kollox. Kien indika wkoll li kellu l-intenzjoni li jmexxi kontra l-kuntrattur li kien ghamel xi xoghol hazin (kif jirrizulta mill-*email* a fol 26). Meta xehed Pierre Balzan (a fol 81) stqarr li s-Socjeta Attrici kellha taghmel xoghol ta' *project management* "*madankollu minn dawn is-servizzi ma gie rez xejn.*" Ikkonferma li l-kuntrattur tqabbad mis-Socjeta Kjamata in kawza. Meta rega' xehed (a fol 87) huwa qal li jimmagina li ghamel xi pagamenti fil-waqt li meta gie muri l-kont a fol 21 stqarr li ma jistax jghid jekk dan huwiex l-ahhar wiehed. Meta regghu xehedu l-imsemmija xhieda (a fol 120 *et seq*), ikkonfermaw dak li kienu stqarrew precedentement. Falzon xehed li hu ma kienx jaf li l-kuntrattur inkarigat mill-Konvenuti kien se jaghti l-konkos u sussegwentement irrizulta li kien sar xoghol hazin. Imbaghad kellu jsir xoghol rimedjali taht il-harsien tieghu, ghal-liema prestazzjonijiet kien hareg stima. Stqarr li kien anke irrediga rapport (a fol 136) sabiex a bazi tieghu Balzan ikun jista' jipprocedi kontra l-kuntrattur ghax-xoghol hazin. Min-naha tieghu, Balzan insista li kienet ir-responsabbilita tal-perit li jara li x-xoghol isir kif suppost. Jghid li ha azzjoni kontra l-kuntrattur izda sal-lum ghadu ma rkupra xejn. Insista li l-perit kellu jzomm kontroll fuq il-kuntrattur u dan naqas milli jaghmlu. Qal li qieghed jippretendi li mill-ahhar fattura jitnaqqas il-valur tax-xoghol hazin li sar u li sewa bejn €15,000 u €20,000. Jghid ukoll li minghand il-kuntrattur jippretendi li jithallas tax-xoghol hazin li ghamel. Mit-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-Konvenuti hareg li qeghdin jippretendu rimedju a bazi tal-principju tal-ekwita sabiex il-Konvenuti ma jbatux l-ispiza wahedhom.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament. L-ewwel nett jibda' biex jinghad li l-ekwita tissostanzja l-ligi u mhux tissostitwixxi l-ligi. Imbaghad irid jigi kunsidrat li mill-assjem tal-provi jidher li l-istima ghax-xogholijiet li wasslu ghall-fattura li l-ammont taghha huwa l-mertu tal-kawza odjerna saret wara li kien gie konstatat li kien hemm xoghol hazin. Hu pacifiku li dan ix-xoghol hazin ghamlu terz u certament mhux is-Socjeta Attrici. Isegwi li jekk kien hemm lok ghal passi legali, dawn kellhom jittiehdu kontra t-terzi. Jidher bic-car li dan kien l-intendiment bejn il-kontendenti sal-punt li l-Perit Falzon gie mitlub jirredigi rapport sabiex issahhah idejn il-Konvenuti. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jarax li jkun gustifikat jekk jitnaqqar mid-dritt pretiz mis-Socjeta Attrici ghall-prestazzjonijiet taghha. Ghalhekk l-eccezzjoni fil-mertu se tigi michuda wkoll.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta Kjamata in kawza kif ukoll l-eccezzjoni fil-mertu, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuti jhallsu lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €3,245, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali u cjoe mill-14 ta' Lulju 2010 (a fol 91). L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-Konvenuti.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*